# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Settembru 2001**

**Numru  1**

**Citaz.  numru:  2483/99 M3 NA**

**Joseph Cauchi**

**vs**

**Lorraine Maria Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsi tal-25 ta' Mejju 2001 u tal-1 ta' Awissu 2001;

Rat ir-risposta tal-konvenuta/intimata tas-26 ta' Gunju 2001, risposta maghmulha ghar-rikors tal-25 ta' Mejju 2001;

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok dan ir-rikors huwa intimament konness ma' rikors iehor bejn l-istess partijiet, rikors maghmul mill-

konvenuta wkoll fil-25 ta' Mejju 2001 (Rikors Numru: 2483/99 M2 - numru 2 fuq il-lista tallum).  F'dan ir-rikors l-iehor il-konvenuta qed titlob lill-Qorti biex hi tiffissa granet u hinijiet ta' l-access favur l-attur, liema rikors sejjer jigi ddegretat minn din il-Qorti llum stess;

Ikkunsidrat:-

Fit-tieni lok illi l-Qorti wara li semghet lill-partijiet u lid-difensuri taghhom jidhrilha illi ma ngabet l-ebda raguni valida l-ghala ghandha tvarja dak deciz mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda sew fir-rigward ta' manteniment u sew fir-rigward tal-kura u kustodja, salv dejjem li l-konvenuta tosserva l-istess digriet tas-Sekond'Awla u dak li ser jigi degretat minn din il-Qorti dwar access fid-digriet l-iehor fuq citat.

L-ispejjez huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur                                        rf.